MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Numru. 405/2002

**Artikoli 325(a), 338(dd), 339(d),
49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija
Spettur Paul Camilleri
v**

**JOHN VELLA**

**Seduta ta' llum, 17 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN VELLA** ta' erbgha w erbghin sena bin Gaetano u Carmen nee Tabone, imwieled Qormi, nhar l-hamsa ta' Awissu, 1957 u joqghod 7, Triq il-Friefet, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 542257M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta' Mejju, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana, flimkien ma persuna ohra:

a. voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-*camera* tar-ritratti u l-lenti taghha tal-marka 'Nikon' ghad-dannu ta' Martin Kirchner ta' nazzjonalita Germaniza, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin.

b. Talli voluntarjament kiser l-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

c. Talli hebb ghall-imsemmi Martin Kirchner sabiex jinsulentah, jwegghu jew jghamillu hsara;

d. Talli b'hekk jinsab recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar d-dsatax ta' Mejju, 1997 u nhar l-erbgha ta' Marzu, 1998.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Mejju, 2002 esibit fl-atti tal-process markat bhala dokument CSH 1.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward t-tieni w t-tielet akkuza u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel akkuza u cioe dik ta' hsara voluntarja l-imputat ddikjara li mhux hati taghha waqt li l-

Prosekuzzjoni ssostni li l-istess imputat huwa komplici f'dan r-reat.

Il-Qorti ghalhekk ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghamlet apprezzament tax-xhieda mismugha.

Illi l-allegat vittma **Martin Kirchner** xehed nhar l-ghoxrin ta' Mejju, 2002 fejn spjiega li fit-tmintax ta' Mejju, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija waqt li huwa kien qed jigbed ritratti bil-camera tieghu f'City Gate, kien ser jigbed ritratt tat-*Triton Fountain*, bl-apparat fotografiku li kellu settjat. Fid-daqqa w l-hin persuna ohra li x-xhud specifika li ma kienx l-imputat, ried jghaddi u ghalhekk insista mieghu li kellu jzarma l-apparat. Huma bdew jillitigaw pero x-xhud haseb li kien ikun ghaqli li jzarma l-apparat u jhalli lil din il-persuna tghaddi bla aktar problemi. Il-persuna ghaddiet u x-xhud reggha kien f'posizzjoni li jigbed r-ritratti meta din l-istess persuna avvicinatu fil-kumpanija tal-imputat. L-imputat tah daqqiet f'wiccu waqt li l-persuna l-ohra qabdet il-camera u farkitha billi sabbtitha mal-art. Ix-xhud enfasizza li l-imputat fl-ebda hin ma mess jew zamm il-*camera* u mistoqsi jekk ghajjrux, x-xhud wiegeb li setgha kien il-kaz ghaliex l-imputat tkellem bil-Malti.

Il-Qorti semghet lil espert nominat minnha, **Simon Mallia** jixhed u jghid li l-hsara fl-appart fotografiku tammonta ghal elf wiehed u ghoxrin lira maltin, in kwantu ghal sebgha mija sitta w disghin lira maltin prezz tal-*camera* li ma tissewwix u mitejn hamsa w ghoxrin lira maltin biex tissewwa l-lenti.

Illi **l-imputat irrilaxxja istqarrija nhar d-dsatax ta' Mejju, 2002 esibita fl-atti mill-Ispettur Paul Camilleri w mmarkata bhala dokument PC 1.** Minn ezami ta' din l-istqarrija l-imputat ma jitfa l-ebda dawl fuq kif sehh l-incident in kwistjoni ghaliex kif kellu kull dritt li jaghmel huwa ghogbu ma jirrispondix ghad-domandi tal-Pulizija.

Ix-xhieda l-ohra li xhedu, xehdu biss fuq dak li gie rappurtat lilhom u mhux fuq dak li raw u ghalhekk r-relevanza ta' tali xhieda f'dan l-istadju hija minima.

Il-ligi nostrana titkellem fuq varji cirkostanzi fl-artikolu 42 tal-Kap 9 meta persuna tista titqies bhala komplici. Ghalkemm dak li huwa importanti huwa li hemm <u>disinn komuni</u> bejn il-principal w l-komplici.

Infatti l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale*** [vide II pg. 518 - Ediz. 1950] jghid:

*"Ma non sempre e' indispensabile un accordo qualsiasi. Si puo concorrere in un stesso reato anche senza che vi sia accordo tra i vari concorrenti, cioe che occorre e' che ciascun concorrente voglia <u>lo stesso reato</u> e apparte la propria azzione nella commissione del medesimo, anche se gli altri concorrenti ignorino codesto rapporto."*

Skond il-**Professur Mamo** huwa importanti li l-komplici ikun jaf dwar r-reat kontemplat mill-awtur u li b'hekk ghandu l-intenzjoni li jghin jirrealizza l-esekuzzjoni ta' dan r-reat, u b'hekk il-komplici irid jaghmel xi haga sabiex jimmanifesta l-hsieb komuni li huwa kellu mal-awtur dwar l-kommissjoni tar-reat, u li fil-fatt tali att tal-komplici ikun ghen lil awtur fil-kommissjoni tar-reat.

Skond l-ligi Maltija [artikolu 42(c)] persuna ssir komplici jekk tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li kellhom hekk jigu wzati jew [artikolu 42(a)] tkun ghenet jew assistiet lil awtur tad-delitt fl-atti li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat.

**Smith & Hogan** fil-ktieb ***Criminal Law*** [pagna 82 - kapitolu 7] jiddisponi li :

"*A person is not guilty merely because he is present on the scene of a crime and does nothing to prevent it; he must either*
*a. give active assistance or encouragement, or*

*b. have agreed that the crime should be committed."*

Jirrizulta li dan il-hsieb huwa rifless fil-gurisprudenza nostrana taghna, ghaliex biex il-presenza ta' akkuzat tabbraccja responsabbilita kriminali u cioe tqisu bhala komplici, il-presenza tieghu ghandha tammonta ghal assistenza attiva jew inkoraggiment.

**Smith & Hogan** imorru oltre u jghidu li:

*"If such positive act or assistance is voluntarily done, with knowledge of the circumstances constituting the offence that is enough to sustain a conviction."*

Il-Qorti ghalhekk hawnhekk taghmel referenza ghas-***sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati deciza nhar t-tmintax ta' Mejju, 1984,*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Kanonku Dun Lawrence Bonnici** fejn gie rilevat li:

*"Fid-dottrina in materja ta' komplicita huwa pacifiku illi minghajr ftehim li jigi kommesss reat ma jkunx hemm dik il-konnessjoni bejn il-kawzi u l-effetti mehtiega biex timponi fuq il-komplici 'joint liability' mal-awtur"*

Il-mens rea tal-komplici u tal-awtur ghandha tigi diretta lejn l-istess skop.

**Francesco Carnelutti** fil-ktieb tieghu ***Teoria Generale del Reato*** [pagna 328] jghid bejn ko-partecipi dak li hu necessarju huwa:

"*convolonta' come volunta' di un fatto concordamento voluto da tutti I concorrenti e di ciascun di essi*".

L-**Imhallef Harding** fis-***sentenza tieghu moghtija fid-disgha ta' Novembru, 1957 fl-ismijiet Il-Pulizija v Salvu Muscat*** jghid:

*"Il-kuncett ta' korreu ma hux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv imma jikkomprendi anke*

*dawk li jippartecipaw b'ko-operazzjoni diretta w essenzjali ghal esekuzzjoni tar-reat."*

Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat odjern kellu xi hsieb komuni mal-persuna li kkagunat il-hsara voluntarja u ma jirrizultax li b'xi mod ghenitha tikkaguna l-hsara; anzi, l-vittma jghid li l-imputat fl-ebda hin ma mess l-apparat.

In vista tal-premessi u ta' dak li qal x-xhud okulari, l-allegat vittma, li l-imputat fl-ebda hin ma mess jew zamm l-apparat fotografiku, **il-Qorti tiddikjara li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi talli kkommetta hsara voluntarja u konsegwentement talli huwa recidiv ta' reat.**

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(a), 338(dd), 339(d), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOHN VELLA hati tal-ewwel w r-raba akkuza u tilliberah minnhom u tiddikjara li qed issibu hati tat-tieni w t-tielet akkuza fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas massimu ta' amenda permess mill-ligi, ta' hamsa w ghoxrin lira maltin ghal kull kontravenzjoni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**